IT-TRIQ TAS-SALIB

VIA SAGRA

SEMINARJU MAĠĠURI TA' GĦAWDEX

Din il-Via Sagra ġiet ippreparata mis-Seminaristi tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, ir-Rabat, Għawdex.

IT-TRIQ TAS-SALIB

VIA SAGRA

Seminarju Maġġuri ta' Għawdex
2020

WERREJ

L-Ewwel Stazzjon 7

It-Tieni Stazzjon 8

It-Tielet Stazzjon 9

Ir-Raba' Stazzjon 10

Il-Ħames Stazzjon 11

Is-Sitt Stazzjon 12

Is-Seba' Stazzjon 13

It-Tmien Stazzjon 14

Id-Disa' Stazzjon 15

L-Għaxar Stazzjon 16

Il-Ħdax-il Stazzjon 17

It-Tnax-il Stazzjon 18

It-Tlettax-il Stazzjon 19

L-Erbatax-il Stazzjon 20

Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, Ammen.

Mulej, nemmen fik, kollok verità.

Mulej, nittama fik, kollok ħniena.

Mulej, inħobbok fuq kollox, kollok imħabba.

Mulej, nindem għax offendejtek, kollok tjieba.

Mulej, inqaddes ruħi bis-sagramenti tiegħek.

Nissieħbu ma' Sidna Ġesù fil-vjaġġ li għamel mingħand Pilatu sal-Kalvarju u nitolbuh iħeġġeġ il-qalb tagħna bin-nar tal-imħabba tiegħu u jagħtina d-dawl biex nagħrfu nimmeditaw il-passjoni u l-mewt tiegħu.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

L-EWWEL STAZZJON

Ġesù kkundannat għall-mewt

Sallbu! Sallbu! Din kienet l-għajta tan-nies li kienet miġbura fil-bitħa tal-palazz ta' Pilatu. Għajta li tnissel diqa. Persuna li għen tant nies issa jinsab ikkundannat għall-mewt. Mulej minjaf x'ħassejt quddiem dan kollu! Minjaf kemm memorji għaddew minn moħħok, memorji ta' tant mirakli li għamilt! Imma issa tinsab ikkundannat għall-mewt bla ħtija. Illum naraw ukoll nies li jiġu kkundannati bla ħtija. Huma wkoll ikollhom jimxu t-triq tal-kalvarju intortament, minħabba l-egoiżmu ta' persuni oħra.

Nitolbuk Mulej Ġesù f'dan il-mument biex tgħin lil tant nies li ġew ikkundannati bla ħtija. Agħtihom il-faraġ li jeħtieġu biex b'hekk ikunu jistgħu jimxu din it-triq miegħek.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

IT-TIENI STAZZJON

Ġesù mġiegħel jerfa' s-salib

Ġesù qal, *"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum, u jimxi warajja" (Lq 9, 23).* F'dan l-istazzjon Ġesù qiegħed iwettaq dak li kien jgħallem, qabad is-salib biex jibda l-mixja tiegħu lejn il-kalvarju; lejn il-post li fih se tiġi kkunsmata l-imħabba tiegħu lejna.

Nitolbuk Mulej Ġesù tgħinna biex anke aħna fuq l-eżempju u permezz tal-qawwa tiegħek nerfgħu s-salib tagħna b'konvinzjoni li ma aħniex weħidna, u kull meta nħossu t-toqol tas-salib jagħfas fuqna nħarsu lejk u nafdaw fil-ħniena tiegħek.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

IT-TIELET STAZZJON

Ġesù jaqa' għall-ewwel darba taħt is-salib

Minjaf kemm-il darba naqgħu! Minjaf kemm-il darba nistabtu mal-art! Minjaf kemm-il darba nwaqqgħu lil xi ħadd ieħor magħna! U Ġesù jaqa' wkoll. Jaqa' biex jiltaqa' magħna. Jaqa' biex ikun fl-istess livell tagħna. Jaqa' biex iqajjimna. Jaqa' biex jagħtina ħajja ġdida. L-imħabba kbira li għandu għalina twaqqgħu magħna u għalina.

Nitolbuk Mulej Ġesù tagħtina l-qawwa li nagħrfu li int tinsab imwaqqa' magħna u fejnna.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

IR-RABA' STAZZJON

Ġesù jiltaqa' ma' ommu Marija Santissima

Minjaf x'uġigħ dak li ħasset dik l-imsejkna omm, tara lil Binha mgħobbi bis-salib. X'weġġħa ħasset dik l-omm meta pruvat tkellem lil binha iżda ma ħallewhiex. Kollox jidher li spiċċa! Kemm hawn ommijiet li llum iħossu n-niket li ħasset Marija Santissima meta jaraw lil uliedhom fit-tbatija jew inkella jħossuhom mifruda minnhom.

Nitolbuk o Marija tidħol int għalina fid-diffikultajiet tagħna, fit-tbatijiet tagħna u fil-qtigħ il-qalb tagħna. Għinna nagħrfuk bħala dik l-omm li ma tabbanduna qatt lil uliedha, u tagħmel dak kollu li hemm bżonn.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

IL-ĦAMES STAZZJON

Xmun minn Ċirene jgħin lil Ġesù jerfa' s-salib

Mulej, it-toqol tas-salib issa bdejt tħossu sewwa. U dan kollu biex issalvana. Xmun minn Ċirene kien sejjer lejn daru ma' wliedu wara ġurnata ta' ħidma. Inħasad meta qalulu jgħin lilek, Mulej. Hu kien imxennaq li jinġabar bi kwietu d-dar u spiċċa mgħaffeġ taħt salib jgħin lil bniedem li kien ikkundannat għall-mewt. Għenek għax kien imġiegħel u mhux għax imbuttat mill-imħabba. Jiġrilna kemm-il darba li ma nifhmux għalfejn jiġru ċertu affarjiet fil-ħajja tagħna. Imma b'salibek għallimtna li għandna dejjem nimxu bl-imħabba, anke meta l-affarijiet jidhru diffiċli jew ma jagħmlux sens.

Nitolbuk Mulej Ġesù tgħinna biex kull ħaġa li nagħmlu anke meta tkun diffiċli nagħmluha bi mħabba.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

IS-SITT STAZZJON

Il-Veronika tixxotta wiċċ Ġesù

Il-Veronika kienet waħda minn dawk in-nisa li fehmu li Ġesù kien tassew l-Iben ta' Alla. Minkejja d-diffikultajiet li sabet, tagħżel li tbati sabiex tkun tista' tavviċina lil Ġesù fl-akbar mument tat-tbatija tiegħu. Bl-azzjoni sempliċi tagħha, li tixxotta wiċċ Ġesù, hija tgħinu fil-passjoni tiegħu. Kemm drabi aħna fil-ħajja tagħna jkollna opportunitajiet, biex bħalma l-Veronika għinet lil Ġesù, hekk ukoll aħna nixxuttaw d-dmugħ u l-għaraq ta' dawk li huma morda u ta' dawk li qegħdin ibatu.

Nitolbuk Mulej, agħtina l-qawwa sabiex nibqgħu maġenb dawk li qed ibatu ħalli nagħtuhom kelma ta' kuraġġ, inkunu hemm għalihom, nisimgħuhom u nibqgħu magħhom.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

IS-SEBA' STAZZJON

Ġesù jaqa' għat-tieni darba taħt is-salib

Ġesù jinsab waħdu taħt it-toqol interjuri u esterjuri tas-Salib. F'din il-waqgħa, il-piż tal-ħażin huwa tant kbir li ma jidhirx li hemm limitu għall-inġustizzja u l-vjolenza. Iżda Ġesù jerġa' jqum għal darba oħra, b'qalbu qawwija u jkompli jafda fil-Missier. Għalkemm il-bniedem abbanduna lil Ġesù u ħallieh waħdu, il-qawwa tal-Ispirtu terġa' tefgħu 'l fuq. Din il-qawwa terġa' mill-ġdid tgħaqqdu mar-rieda tal-Missier; dik l-imħabba li kapaċi tagħmel dan.

Nitolbuk Mulej Ġesù, biex anke meta l-affarijiet ikunu jidhru impossibli biex isiru, inqumu u b'fiduċja sħiħa lejk inkunu nistgħu nibqgħu mexjin it-triq li inti pjanajt għalina.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

IT-TMIEN STAZZJON

Ġesù jitkellem mal-ulied ta' Ġerusalemm

Hekk kif Ġesù kien riesaq aktar viċin lejn il-Golgota, il-post fejn kien se jiġi msallab, jiltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm. Kif raw lil Ġesù f'dik is-sitwazzjoni, tħassruh tant li bkew. Imma int, Mulej, għedtilhom biex ma jibkux lilek imma jibku lilhom infushom u lil uliedhom. Mulej inti kont taf li t-tbatija li ġarrabt ma kinitx ta' min jibkiha għax il-mewta tiegħek kienet għas-salvazzjoni tagħna. Int għidtilna biex nibku lilna nfusna għax għalkemm inti ftaħtilna l-bibien tas-salvazzjoni, xorta waħda aħna nibqgħu suġġett għad-dnub. Int, Mulej, trid tara l-parti tagħna.

Nitolbuk Mulej Ġesù, għinna biex il-biki tagħna jissarraf f'ħidma biex nilqgħu din is-salvazzjoni.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

ID-DISA' STAZZJON

Ġesù jaqa' għat-tielet darba

Tinsab bla saħħa, u erġajt waqajt għat-tielet darba. Kont tinsab fl-aħħar tal-mixja tiegħek, u għalkemm kont tinsab bla saħħa ma qtajtx qalbek, xorta qomt u bqajt miexi sakemm wasalt fuq il-Golgota sabiex tieħu l-mewt. Għalkemm kont qed tbati, kont taf li l-mewt mhix l-aħħar kelma. Mulej kemm-il darba f'ħajjitna naħbtu naqtgħu qalbna quddiem mumenti li fihom aħna nkunu dgħajfa, u nibdew naraw kollox ġej kontrina. Kemm-il darba naħbtu ngergru jew saħansitra neħduha kontrik għax naħsbu li inti abbandunajtna fl-aktar mument li għandna bżonnok.

Nitolbuk Mulej Ġesù, sabiex meta naqgħu, tgħinna nagħrfu d-dgħufija tagħna u nagħmlu l-almu tagħna sabiex inqumu u ma nħallux it-toqol tas-salib jgħaffiġna.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

L-GĦAXAR STAZZJON

Ġesù mneżża' minn ħwejġu

Wasal! Wasal fl-aħħar! Wasal fuq il-għolja li ser twasslu għall-mewt. Malli wasal ġie mitlub biex jinża' ħwejġu. X'umiljazzjoni ħass, iżda jaf li dan huwa pass ieħor lejn is-salvazzjoni tal-umanità. Ġesù għalkemm jinsab bla saħħa xorta jibqa' ubbidjenti.

Nitolbuk Mulej Ġesù, tagħtina l-grazzja biex anke aħna quddiem il-mumenti diffiċli wkoll nibqgħu ubbidjenti speċjalment meta dak li nkunu qed nagħmlu ma jkunx faċli li nifhmuh.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

IL-ĦDAX-IL STAZZJON

Ġesù msammar mas-salib

Issa Ġesù wasal fuq il-kalvarju u lest biex joffri ħajtu għalina, għas-salvazzjoni tagħna. Ġesù mhux biss jerfa' s-salib iżda jitwaħħad mas-salib u jiġi msammar miegħu. F'dan il-mument Ġesù jgħallimna tagħlima importanti, dik li ngħixu u nitwaħħdu mas-salib tagħna biex ikun għalina mezz ta' salvazzjoni. Jekk ma ngħixux is-salib tagħna, minflok ikun mezz ta' salvazzjoni jsir għalina wieħed ta' disperazzjoni.

Nitolbuk Mulej Ġesù, biex f'dan il-mument tagħtina l-qawwa biex nitwaħħdu mas-salib tagħna, ħalli nkomplu f'ġisimna dak li jonqos mit-tbatijiet tiegħek. *(cfr.Kol 1,24)*.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

IT-TNAX-IL STAZZJON

Ġesù jmut fuq is-salib

Miet! Imma ma spiċċax kollox! Baqa' l-imħabba! U l-imħabba ma tmut qatt! Il-fiżiku ta' Ġesù nqered... imma l-ispirtu tiegħu le. Insibu miktub li Huwa radd ruħu lill-Missier u l-Missier għax iħobbna tahulna lura fl-ispirtu u permezz tal-Ispirtu s-Santu.

Nitolbuk Mulej Ġesù, tgħinna biex qatt ma ninsew li inti għadek tinsab magħna u se tibqa' magħna għal dejjem.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

IT-TLETTAX-IL STAZZJON

Ġesù mniżżel minn fuq is-salib

Malli niżżlu lil Ġesù mis-salib tawh lil ommu Marija. Marija dik li tagħtina li binha ħaj, il-bnedmin tawhulha mejjet. Minjaf xi tbatija u dulur ħasset din l-omm meta rat lil binha b'dak il-mod. Issa jidher li kważi kollox spiċċa, l-Iben ta' Alla mejjet fi ħdan dik li tatu l-ħajja!

Nitolbuk Mulej Ġesù, sabiex nagħrfu li bil-mewt tiegħek aħna twelidna mill-ġdid. Agħtina qalb ġdida li taf tħobb, taħfer u tagħder, u bħal Marija nagħrfu nibqgħu perswaži warajk, bħalma baqgħet Ommok Marija taħt is-Salib.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

Ġesù mqiegħed f'qabar ġdid.

Mulej il-ġisem bla ħajja tiegħek jinsab meħud ġewwa qabar ġdid, fejn donnu ħadd mhu ser jerġa' jarah. Donnu kollox sparixxa. Mulej, donnok issa ħallejt warajk lid-dixxipli waħedhom, għal riħhom. Minjaf kemm drabi Mulej, inħossuna abbandunati, inħossuna barranin fil-komunità tagħna stess!

Nitolbuk Mulej Ġesù, tagħtina fidi qawwija bħal Marija u l-ftit dixxipli li baqgħu jemmnu fik anke quddiem il-ġisem mejjet tiegħek. Agħtina li meta nħossu t-toqol tal-ħajja jagħfas fuq spallejna nħarsu lejn il-ġisem irxoxtat tiegħek; l-imħabba eterna tiegħek għalina.

℣. Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù.

℟. **Mulej, ħenn għalina, u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.**

℣. Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk.

℟. **Għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.**

Nirringrazzjaw ’l Alla bil-qalb kollha ta’ kemm grazzji u ġid tana matul ħajjitna u talli għamilna din il-Via Sagra għall-glorja tiegħu.

Naduraw il-pjagi ta’ Ġesù

L-ewwel pjaga: Glorja…

It-tieni pjaga: Glorja…

It-tielet pjaga: Glorja…

Ir-raba’ pjaga: Glorja…

Il-ħames pjaga: Glorja…

Missierna, Sliema, Glorja skont il-fehma tal-Papa.

℣. **Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta’ dejjem.**

℟. Id-dawl ta’ dejjem jiddi lilhom.

℣. **Jistrieħu fis-sliem.**

℟. Ammen.

Salve Regina f’ġieħ id-duluri ta’ Ommna Marija.



Li nħaddnu s-salib tiegħu jfisser insibu l-kuraġġ li ngħannqu magħna t-tbatija kollha ta' bħalissa, inwarrbu ftit għall-ġenb il-kilba tagħna għall-poter u għall-ġid biex nagħmlu wisa' għal dik il-kreattività li l-Ispirtu waħdu jista' jqanqal fina.

Papa Franġisku